# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-14 ta' Lulju 2016

Talba Numru: 499/12NHV
Numru fuq il-Lista: 2

**Camilleri Carmelo**
K.I. 580554(M)
eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' "Zoqdi Racing"

**vs**

**Ruggier Patrick**
K.I. 142271(M)

u

**Etienne Azzopardi**
li ġie kkjamat inkawża skont digriet tat-Tribunal ta' nhar it-22/03/2013

**It-Tribunal**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2012, illi permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elfejn, tliet mija u sebgħa u sittin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€2,367.96) premess:

> Illi l-konvenut għandu jħallas lill-attur is-somma ta' elfejn, tliet mija sebgħa u sittin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€2,367.96) liema ammont hu dovut inkonnessjoni ma' "parts" u oġġetti oħra konnessi ma' xogħol ta'

mekkanika kif ukoll ta' xogħol magħmul fuq il-vettura tal-marka 'Citroen' numru tar-reġistrazzjoni RUG 333, fuq inkarigu tal-konvenut in konnessjoni mal-istess.

Illi l-konvenut ġie interpellat sabiex iħallas iżda baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-fattura u cioe mit-8 ta' Frar 2012 kontra l-konvenut.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut, ippreżentata fl-14 ta' Awwissu 2012, illi permezz tagħha huwa eċċepixxa:

1. Preliminarjament l-esponent ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti stante illi kien Etienne Azzopardi illi inkariga lir-rikorrent sabiex jezegwi x-xogħlijiet neċessarji in konnessjoni ma' xogħol magħmul fuq il-vettura in kwistjoni u allura ma għandux jirrispondi għat-talba kif magħmula.

2. Subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ammont pretiż mir-rikorrenti mhuwiex dovut għaliex ix-xogħol ma sarx skont l-arti u s-sengħa.

3. Subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent sofra danni sostanzjali, għaliex huwa ma jistax juża l-karozza tiegħu RUG 333, stante illi x-xogħol li sar mir-rikorrenti fuq it-tali karozza renda l-istess karozza inutilizzabbli.

4. Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju, id-danni li sofra l-esponent imorru inoltre l-kompetenza ta' dana l-Onorabbli Tribunal u għalhekk l-esponent jirriżerva illi jagħmel kontra-talba għat-talbiet tar-rikorrent quddiem l-Onorabbli Qorti li għandha r-rationae materie li tisma' t-talbiet tal-esponent.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-**Risposta tal-Kjamat in Kawża Etienne Azzopardi,** ippreżentata fis-16 ta' Lulju 2013, illi permezz tagħha huwa eċċepixxa:

1. Illi huwa assolutament mhux il-leġittimu kontradittur inkwantu huwa m'għandu ebda relazzjoni ġuridika mal-attur u kwindi t-talba tal-attur fil-konfront tal-eċċipjenti hija priva minn kwalsiasi fundament ġuridiku.

2. Illi fi kwalunkwe każ, l-attur irid jipprova n-ness ġuridiku fil-konfront tal-eċċipjenti u f'dan ir-rigward l-esponenti jirriserva li jippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri.

3. Illi x-xogħol allegatament imwettaq mill-attur ma ġie bl-ebda mod ikkuntrattat mill-eċċipjenti jew għall-benefiċċju tal-eċċipjenti iżda fuq inkarigu u għall-benefiċċju assolut tal-konvenut Ruggier li kwindi għandu jwieġeb hu għall-istess u mhux l-eċċipjenti. Dan jixduh il-fatturi stess maħruġa mill-attur.

4. Illi ebda ammont kif mitlub mhu dovut mill-eċċipjenti stante illi t-talba attriċi fil-konfront tal-esponenti hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra d-dokumenti kollha prodotti mill-partijiet u sema' x-xhieda prodotti minnhom inkluż lill-istess partijiet;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attur, u sema' t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-konvenut.

Ra l-verbal tat-30 ta' Ġunju 2016, fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

Ra l-artikolu 9.(2)(d) tal-Kapitlu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

Ikkunsidra illi l-attur irnexxielu jipprova t-talba tiegħu fil-grad rikjest mil-liġi b'dana illi t-Tribunal huwa konvint illi l-attur wettaq xogħolijiet fuq il-*gearbox* tal-vettura tal-konvenut u fuq il-vettura nniffisha tal-marka Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni RUG 333.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma wkoll illi l-istess xogħol twettaq skont l-arti u s-sengħa u dana stante illi l-vettura kienet ġiet ittestjata iktar minn darba wara x-xogħolijiet u nstabet li kienet f'kondizzjoni tajba.

Illi ma nġibietx prova suffiċjenti quddiem dan it-Tribunal illi l-vettura mertu tal-kawża ġiet skrappjata jew garaxxjata għal raġunijiet imputabbli lill-attur.

Illi l-kjamat in kawża meta tħallas mingħand il-konvenut ma ġabarx ukoll dak li kien dovut lill-attur għax-xogħol tal-istess attur u għalhekk m'għandux jirrispondi għat-talba tal-attur. Illi inoltre, l-involviment tal-kjamat in kawża kien biss ta' trasportatur tal-*gearbox* in kwistjoni mill-garage tiegħu għall-garage tal-attur.

Illi kien l-istess konvenut li nkariga lill-attur jagħmel xogħol fuq il-*gearbox* tiegħu u dana wara li huwa stess mar fil-garage tal-attur fejn staqsa jekk huma jsewwux dik it-tip ta' *gearbox* (*automatic*) u meta seta' jeħodha għat-tiswija. Illi x-xogħol sussegwenti li sar fuq il-vettura intiera tal-konvenut sar ukoll bl-aċċettazzjoni tal-istess konvenut u dana wara li huwa ma kienx kuntent bix-xogħol li sar fil-gearbox *per se*, l-attur kellu bil-fors jeżami l-vettura ntiera, fejn il-konvenut Ruggier m'oġġezzjonax għal tali eżami u m'oġġezzjonax lanqas għat-tiswijiet li rriżultaw neċessarji.

**Deċide**

Għar-raġunijiet hawnhekk esposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi, jilqa' wkoll l-eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża u jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Konsegwentement, it-Tribunal jiddikjara illi Etienne Azzopardi, kjamat in kawża, m'huwiex il-leġittimu kontradittur u għalhekk qiegħed jilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju. Jikkundanna lill-konvenut Patrick Ruggier iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn, tliet mija u sebgħa u sittin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€2,367.96) bl-imgħax legali dekorribbli mill-20 ta' Lulju 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-Data tal-pagament effettiv.

In kwantu għall-ispejjeż, l-ispejjeż tal-kjamat in kawża għandhom jiġu sopportati mill-attur, filwaqt illi l-ispejjeż l-oħrajn kollha tal-kawża, inkluż ta' kwalsiasi mandat kawtelatorju fl-ismijiet premessi, għandhom jiġu sopportati mill-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur